MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2011

Appell Kriminali Numru. 513/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ruth Theuma**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ruth Theuma talli fil-5 ta' Awwissu 2009 ghall-habta tas-06:10 a.m. gewwa Triq V. Vassallo, Attard, saqet vettura b'numru BAF-567:

(1) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew nuqqas ta' hila jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunat feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Warren Piscopo skont kif iccertifika Dr Christian Zammit MD mill-MDH;

(2) saqet l-imsemmija vettura b'manjiera (1) traskurata, (2) bla kont;

(3) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni taghha, habtet ma' sinjal tat-traffiku li jindika l-ispeed 30KM/H, ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u kif ukoll habtet ma' vettura TTS-288 u involontarjament ikkagunatilha hsarat ghad-dannu tas-sid Anthony Piscopo;

(4) naqset li tezercita l-kura jew attenzjoni xierqa u taghmel sinjal meta kienet se tbiddel id-direzzjoni taghha.
Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija Ruth Theuma tigi skwalifikata milli tiehu jew ikollha ebda licenzja tas-sewqan ghal perijodu li l-Qorti jidhrilha xieraq;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Novembru 2010 li biha, wara li rat l-artikoli 15(1)(a) subinciz 2 u 3 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 226 u 328 tal-Kap. 9 u MVR 75, sabet lill-imsemmija Ruth Theuma hatja ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet, u t-tieni imputazzjoni limitatament ghal sewqan traskurat biss u lliberatha mill-imputazzjoni ta' sewqan bla kont, u lliberatha wkoll mir-raba' imputazzjoni, u kkundannatha multa ta' mitejn u tletin ewro (€230) u l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal tmint (8) ijiem dekorribbli min-nofs il-lejl tat-18 ta' Novembru 2010;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Ruth Theuma pprezentat fit-30 ta' Novembru 2010 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tbiddel is-sentenza appellata billi:

1. Tikkonferma fejn l-ewwel Qorti illiberat lill-appellanti mill-imputazzjoni ta' sewqan bla kont u mir-raba' imputazzjoni;
2. Tbiddel fejn l-ewwel Qorti sabet lill-appellanti hatja ta' l-ewwel, tat-tielet imputazzjoni u tat-tieni imputazzjoni limitatament ghal sewqan traskurat u tilliberaha minnhom;
3. Fin-nuqqas taghti piena aktar adegwata ghac-cirkostanzi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Din is-sentenza tirrigwarda biss l-ewwel aggravju li permezz tieghu l-appellanti ssostni li hija ma setghetx tinsab hatja ta' incident li, skond ic-citazzjoni, sehh filghodu meta l-provi mressqa jirrigwardaw incident li sehh filghaxija.

**6.** Issa, is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

**"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."**

**7.** L-appellanti rreferiet ghal sentenza moghtija fis-17 ta' Marzu 2008 minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Nicolai Magrin** li kienet tirrigwarda eccezzjoni mqajma mid-difiza quddiem l-ewwel Qorti ta' *ne bis in idem* li giet milqugha minn dik il-Qorti izda rigettata minn din il-Qorti li allura rrevokat is-sentenza appellata. F'din is-sentenza, pero`, din il-Qorti kkummentat hekk:

**"Illi din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li dan l-incident kollu seta' gie evitat kieku l-Ispettur Prosekutur fl-ewwel kawza, appena ntebah li kellu zball fil-hin li kien indikat fil-komparixxi, talab korrezzjoni biex iz-zewg ittri 'am.' jinbidlu u jigu sostitwiti biz-zewg ittri 'pm.' Dan seta' jsir tempestivament kieku l-prosekutur kien *'alert'* bizzejjed u l-Ewwel Qorti zgur li kienet tilqa' t-talba ghal tali korrezzjoni u, f'kaz li ma tilqaghhiex, tali decizjoni kienet tkun appellabbli. Dan pero` ma sarx meta seta' u kellu jsir fl-ewwel process.**

**"….**

**"… f'dan il-kaz din l-eccezzjoni [ta' *ne bis in idem*] mhix applikabbli. Dan ghaliex it-testimonjanza tas-Surgent (u ovvjament tax-xhieda l-ohra tal-prosekuzzjoni) dwar il-hin tal-incident qatt u qatt ma setghet twassal biex tinstab htija kontra l-appellat f'dik il-kawza ghaliex altru incident li gara fit-tmienja u kwart ta' filghodu u altru incident li gara fit-tmienja u kwart ta' bil-lejl. Ghalhekk it-tieni kawza bazata fuq komparixxi li turi l-hin bhala dak tat-8.15 p.m. kienet materjalment differenti f'element importanti mill-ewwel akkuza, u cioe` l-hin."**

**8.** Fil-kaz in ezami l-appellanti giet akkuzata b'numru ta' reati li allegatament sehhew "ghall-habta ta' 06.10 am". Il-provi jitkellmu dwar incident li sehh fis-6.00 p.m. jew ghall-habta tas-6.10 p.m. (ara rapport tal-Pulizija, skizz, u affidavit ta' W.P.S. 61 M. Cuschieri). Mela l-prosekuzzjoni setghet liberament titlob korrezzjoni fl-akkuza, izda dan naqset milli taghmlu nonostante illi hija stess pprezentat provi dokumentarji mnejn kien jirrizulta l-hin korrett. L-appellanti mbaghad, kif jirrizulta mis-sentenza appellata, instabet hatja ta' reati li allegatament sehhew ghall-habta tas-6.10 a.m. Evidentement ma setghetx tinsab hekk hatja galadarba l-provi jirrigwardaw incident li sehh fis-6.10 p.m. F'kaz simili deciz minn din il-Qorti fit-18 ta' Ottubru 2005, u cioe` l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. John Mary Briffa**, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal:

**"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat <u>tnax-il siegha</u> wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta'" tindika hin approssimattiv u tinkludi hin <u>vicin</u> dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha**

**tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament.”**

Dan japplika *mutatis mutandis* ghall-kaz odjern fejn il-prosekuzzjoni ma ghamlet l-ebda talba ghal korrezzjoni fic-citazzjoni u fejn l-ewwel Qorti sabet htija skond kif spjegat fit-tieni paragrafu ta’ din is-sentenza dwar incident li allegatament sehh ghall-habta tas-6.10 a.m. mentri l-incident li fih kienet involuta l-appellanti sehh ghall-habta tas-6.10 p.m.. Konsegwentement l-ewwel aggravju ta’ l-appellanti jimmerita akkoljiment.

**9.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu lliberat lill-appellanti mill-imputazzjoni ta’ sewqan bla kont u mir-raba’ imputazzjoni, tirrevokaha in kwantu sabitha hatja ta’ l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet, u t-tieni imputazzjoni limitatament ghal sewqan traskurat biss, u kkundannatha multa ta’ mitejn u tletin ewro (€230) u l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal tmint (8) ijiem dekorribbli min-nofs il-lejl tat-18 ta’ Novembru 2010, u minflok tiddikjaraha mhux hatja wkoll ta’ dawk l-imputazzjonijiet u minnhom tilliberaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------